KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 34

l-erbgħa u tletin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2014 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | David Muscat | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | A.Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
6. *Aġġornament*

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 33_27/11/2014

1.2 Dwar punt 2.5, is-Sindku talab li ssir korrezzjoni fis-sentenza 'Is-Sindku reġa qal li zgur ma jistgħux isiru ostakli' u minflok tinqara 'ma għandhomx isiru ostakli'. *Korrezzjonijiet*

1.3 Dwar punt 2.8, is-Sindku talab li tizdied il-frazi 'Is-Sindku jirrakomanda li nimxu fuq il-parir ta' P. Radmilli fil-punt preċedenti.

1.4 Dwar punt 4.5 il-frazi għandha tinqara 'Il-Kunsillier P. Portelli u P. Radmilli ipprezentaw dokumenti dwar SSAF...'

1.5 Dwar punt 4.10 intalab li ssir korrezzjoni fl-isem tal-kappella ta' Stella Maris li għandha tinqara 'kappella tal-Grazzja'

1.5 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 33_27/11/2014. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti *Approvazzjoni tal-minuti 33_27/11/2014*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Dwar punt 2.1 ta' l-aħħar seduta s-Segretarju Ezekuttiv informa li kiteb lil Transport Malta. Qal ukoll li nizel fuq il-post flimkien mas-Sindku u Kunsilliera u jidher li l-*area* qegħda tkun aktar organizzata. Il-Kunsiliera M. Aquilina qalet li r-residenti ta' Tower Lane apprezzaw il-fatt li l-Kunsill avviċinhom. *Tower Lane*

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal għas-seduta fis-18.31*

2.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar l-arbli tal-bandli godda fi Gnien Indipendenza. Ġiet infurmata li dawn issa saru skont l-*ispecifications* tat-tender. *Sliema Playing Fields*

2.3 Is-Sindku informa li dwar CVA għal Triq Bisazza li kienet ġiet diskussa fl-aħħar seduta se jsemija fil-laqgħa ta' għada tar-Reġjun *CVA - Bisazza*

2.4 Dwar punt 2.12 dwar il-bollards fi Triq Bisazza, Is-Sindku se jkellem lis-Sur Barbaro Sant biex forsi jkun hemm *reduction fee* għat-tiswija tal-bollard t'isfel. *Bollard - Bisazza*

2.5 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jkellem lis-sid ta' *The Point* biex jinstalla tabelli elettronici li jindikaw li l-*car park* huwa *full* jew *available.* Kien hemm qbil dwar dan. *De Point car park*

2.6 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li fin-naħa ta' fuq ta' Triq Bisazza qiegħed ikun hemm ħafna muturi u saqsiet jekk il-Kunsill jistax jagħmel *time limit*. La darba huma liċenzjati ma jista jsir xejn. *Muturi fi Triq Bisazza*

2.7 Ġie nnotat li *dog bins* se jasslu f'Jannar 2015. Dog bins

2.8 Wara l-artiklu tas-Sindku li deher fil-magazine dwar *Residential Parking Scheme* kien hemm qbil li dan is-suġġett ikun *Agenda item* għas-seduta li jmiss. *RPZ*

2.9 Ġie nnotat li dwar l-*ice skating rink* il-Kunsill m'għandu x'jaqsam xejn fl-organizzazzjoni tiegħu. *Ice skating ring*

2.10 Il-Kunsill wera l-apprezzament lill-Kunsillier J. Pillow għaliex ta sehem fid-dekorazzjonijiet ta' *domes* li jinsabu x-Xatt quddiem il-hanut *Square Deal.* *Dekorazzjonijiet*

2.11 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar Triq is-Salvatur għal tibdil tal-isem. Il-Kunsill għad irid jikteb. *Triq is-Salvatur*

2.12 Dwar ix-xogħlijiet fi Triq Manwel Dimech is-Segretarju Ezekuttiv kitteb lit-TM. *Xogħlijiet fi Triq Manwel Dimech*

2.13 Il-Kunsill informa wkoll li bgħat lit-TM dwar Triq Kurunell Savona għaliex din it-triq għada qatt ma saret mill-Gvern Centrali. *Kurunell Savona*

2.14 Dwar punt 3.6 il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li għas-sena d-dieħla ma jkunx hemm bzonn dik il-kwantita ta' kaxxi tad-dawl għat-tizjin tal-Milied. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li vera ma ntuzawx kollha pero l-Kunsill għamel li kien ġie mitlub għaliex kien hemm il-ħsieb li jintuzaw kollha. *Temporary Applications*

2.15 Dwar punt 4.1 dwar ir-risposta lil Sables d'Olonnes, il-Kunsill qabel li għandu jibgħat risposta li jekk ikun hemm possibilta fil-futur il-Kunsill jikkonsidra u jintbgħat ukoll l-email tal-Kunsillier David Muscat. *Sables d'Olonnes*

2.16 Dwar il-*hawkers* il-Kunsill ilu jsaqsi għal laqgħa mas-Superintendent izda minkejja d-diversi xogħol li kellha l-Qorti din għada ma saritx. *Hawkers*

2.17 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Kunsill għandu jitfa pressjoni fuq l-awtoritajiet la darba l-Kunsill ma jista jagħmel xejn dwar dan

għaliex kulħadd qiegħed jarma bil-vannijiet.

2.18 Il-Kunsillier M. Briguglio propona li l-Kunsill għandu joħroġ stqarrija pubblika fejn jintqal x'għamel il-Kunsill u li m'għandiex kontroll fuq dawn is-sitwazzjonijiet ta' infurzar. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li ssir konferenza stampa fuq il-post. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li tinħareġ *press release* f'Diċembru fejn il-Kunsill jgħid li dawn iridu jirregolizzaw ruħhom u jimxu mar-regolamenti u jridu jzarmaw. Il-Kunsill jgħid ukoll li ma ttiħditx azzjoni mill-awtoritajiet. Kien hemm qbil ukoll li l-*wording* għandu jiġi ċċirkulat lill-Kunsilliera kollha fejn jingħata *deadline* ta' ġurnata u wara dan tinbgħat kif inhi. *Stqarrija għall-istampa*

Il-Kunsill qabel ukoll li f'Jannar 2015 issir *Press Conference*.

**3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET**

3.1 Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għall-pagamenti tad-dawl ta' Gnien ta' Bonello Dupuis u peress li jammonta madwar Ewro 6000 issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jaħseb għal *solar panels*. Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk il-Kunsill jistax jiċċekkja hemmx tip ta' abbuz minħabba li hemm *cable* suspettuz. Il-Kunsill qabel li għandu jsaqsi persuna mill-MTI li jkun għamel *electrical diagram* u wara ssir *inspection* fuq il-post. *Gnien Bonello Dupuis*

3.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar il-librarian jekk hux qegħda tiftaħ fil-ġranet stabbiliti għaliex kellha min avviċina. Il-Kunsill avza li din tiftaħ b'mod regolari.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal pagament dwar il-*mobile toilets* għaliex dawn mhumiex jiġu mnaddfa b'mod regolari. Il-Kunsill għandu jibgħat lil *contracts manager*. *Mobile toilets*

3.5 Il-Kunsilliera L. Cassar fakkret li toilets għadhom b'mod temporanja u saqsiet meta se jkun hemm dawk permanenti. Is-Sindku kellu laqgħa mal-Cleansing Department u infurmaw li dawn se joħorġu tender fejn hemm bzonn li jinbnew latrini godda.

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagamenti 28 u 29 dwar konsum tad-dawl fi Triq Bisazza u saqsa jekk il-bozoz humiex *energy saving*. Il-Kunsill għandu jiċċekkja dwar dan u jibda jibdel *Triq Bisazza*

fejn hemm bzonn.

3.7 Ġie diskuss jekk jistax issir *solar panelling* fi Triq Bisazza. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill irid jara fejn tista ssir għaliex Triq Bisazza ma tantx tara xemx. Il-Kunsill qabel li għandu jqabbad *electrical engineer* biex jiċċekkja jistax jsir.

3.8 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

3.9 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-pagament ta' *Correct Termination Ltd* dwar *online streaming* fejn informa li eventwalment il-Kunsill se jkollu *refund* mid-DLG. Kien hemm approvazzjoni li jsir dan il-pagament. *Online streaming*

**4. RAPPORTI MIL-KUMITATI U MIS-SOTTO KUMITAT**

4.1 Dwar it-tender ta' Servizz ta' Perit, il-Kunsill fakkar li kellhom isiru *interviews* lil ACB architects u David Vassallo. Il-kumitat għamel l-*interviews* u talab għal aktar informazzjoni bħal *set up* tal-ufficju taghhom u dwar proġetti li saru qabel. Ġie spjegat kif it-tender kien maqsum f'erba rati għal: proġetti ta' toroq, proġetti infrastrutturali, proġetti EU u *retainer fee.* Ġie diskuss l-effiċenza u kemm hu wieħed disponibbli. Fuq bazi ta' esperjenza ta' qabel il-kumitat irrakommanda l-Perit Bezzina għalkemm intqal ukoll li l-perit David Vassallo kien tajjeb imma kien diffiċċli biex taqbdu. Il-Kunsill irid l-effiċenza u kien hemm qbil mill-Kunsill li t-*tender* tingħata lill-perit Bezzina li jiġġedded kull sena għal tlett snin. *Tender – Perit*

4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dak ix-xogħol li kien beda l-perit David Vassallo irid ikomplih hu minkejja li jingħata kuntratt lil ħaddieħor.

4.3 Il-Kunsillier P. Portelli ipprezenta dokument dwar SSAF dwar ir-risposta li fformola lil AMC wara l-aħħar deċizjoni li ttieħdet. Il-Kunsillier P. Radmili qal li l-Kunsill ried li jinvolvihom u mhux kif interpretaw huma. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li l-Kunsill irid jara x'jista jsir biex ikun aħjar il-ftehim bejn iz-zewg partijiet. Il-Kunsillier P. Portelli qal li kemm il-darba li l-kumitat iltaqa magħhom, qal li kien hemm problema ta' attitudni fejn iridu li l-Kunsill jtihom l-flus biss u ma jkunx involut. Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret li bħala Kunsill għanda responsabbilita finanzjarja. *SSAF*

4.4 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hu stedinhom għal diskussjoni bi proposta u huma anke kellhom il-ħsieb li jistgħu mmorru lokalita oħra. Intqal ukoll li huma ma jridux li jsemu l-Kunsill f'posters eċċ. Il-Kunsillier L. Cassar Shaw saqsiet sarux laqgħat kostruttivi. Il-Kunsillier P. Portelli qal li kien hemm diversi. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li ma taqbilx li l-Kunsill jagħti l-flus biss. Kien hemm qbil li tintbgħat r-risposta li fformola l-Kunsillier P. Portelli. Il-Kunsiliiera L Cassar Shaw saqsiet jistgħax ikun hemm presenza tal-Kunsilliera għal laqgħa li jmiss mal AMC. Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-laqgħa li jmiss se ssir fit-23 ta' Jannar fin-12.30 u min irid jista jattendi.

4.5 *Il-laqgħa ġiet sospiza u l-accountant tal-Kunsill spjega l-quarterly reports Jannar sa Settembru 2014.* Quarterly reports

4.6 Fost affarijiet ġew innotati dawn il-punti:

1. Il-Kunsill ġie infurmat li ġie mogħti t-tielet premju ta' Ewro 8000 dwar proġett li għamilna għall-persuni b'dizabilta
2. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li t-*tipping fees* tal-Wasteserv huma iktar mis-sena l-oħra għaliex minn April il-prezz sar jiġi kkalkulat skont it-tunnellagg attwali li jintrema fil-landfill. Il-Kunsill ma hux ser iħallas aktar milli jkollu allokat mill-*financial allocation.*
3. Il-*Finance Committee* għandu jiltaqa fit-2015 dwar il-*budget* tal-Kunsill
4. *Patching* u toroq wieħed irid jara dawk l-aktar ta' prijorita

Il-Kunsill approva dawn il-*quarterly reports* kif ġew prezentati.

4.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li filwaqt li taqbel mal-projoritajiet għal meta niġu għat-tiswijiet tat-toroq, taqbel ukoll li jekk hemm ħsara u periklu trid issir.

## 5. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

5.1 Il-Kunsillier J. Pillow qal li d-dawl tax-xatt mhuwiex jixgħel. Qal ukoll li hemm kaptelli maqsumin fejn Captain Morgan. Qal ukoll li hemm bzonn li titwessgħa *central strip* tax-Xatt u jiġi imwaħħal *railing.* Ix-Xatt

5.2 Il-Kunsilliera L. Cassr Shaw qalet li l-funtani ta' St Anne Sqaure kienet mitfija, xegħlet u reġgħet intfiet. Il-Kunsill għandu jiċċekkja. *St Anne Square*

5.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għat-tappieri ta' Triq it-Torri (fejn tal-pastizzi) għaliex dawn huma perikoluzi. Ġie nnotat skont l-emails li rċieva l-Kunsill li l-ħaddiema tal-Gvern tad-distrett tagħna kienu qegħdin jaħdmu Ħal-Lija. Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Kunsill għandu jsaqsi lil Water Services biex jagħmlu l-kaptelli. *Tappieri – Triq it-Torri*

5.4 Is-Sindku irrefera għall-applikazzjoni li l-Kunsill irċieva dwar talba għal tilari fuq xulxin fuq bankina mal-faċċata tal-grocer fi Triq il-Kullegg l-Antik. Il-Kunsill qabel diment li jitħalla aċċess għall-*pushchair* u *wheelchair*. Fuq dan il-punt il-Kunsillier P. Portelli qal li importanti li l-*contracts manager* ikun jaf b'dawn id-deċizjonijiet ħalli jkun jista jsegwi li kulħadd jzomm mar-regolamenti. Kien hemm qbil dwar dan. *Talba għal tilari fuq bankina*

5.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar l-*ice skating ring* jekk jistax jibqa hemm sa Frar 2015. Il-Kunsill informa li għalkemm mhuwiex involut xorta huwa infurmat li dan għandu l-permessi meħtieġa. *Ice Skating ring*

5.6 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li l-*billboard* fix-Xatt għada hemm. *Billboard*

5.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li ġiet avviċinata minn sid ta' pub li ma hu tħalliex ipoġġi qsari. Is-Sindku talab li bħal kull applikazzjoni għandu jibgħat bil-miktub.

5.8 Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet li ssir *non slip paint* fi Triq il-Kullegg l-Antik minn quddiem il-grocer sa fejn *Preca Building*. *Non slip paint*

5.9 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li hemm bzonn isir *patching* fix-Xatt. Dak se jsir mit-TM *Patching ix-Xatt*

5.10 Il-Kunsilliera V. Galea Pace infurmat li l-ilma tal-funtana fi Pjazza Sant' Anna qiegħed ifur. Il-Kunsill għandu jiċċekkja. *Funtana – Pjazza Sant'Anna*

5.11 Il-Kunsilliera V. Galea Pace infurmat li hemm *culvert* perikoluza fi Triq it-Torri quddiem numru 208-209. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li xi ħadd iweldja ħadida fuqa u dan irid jitneħħa. *Culvert fi Triq it-Torri*

5.12 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar il-monument ta' Tony Nichol. Il-kunsill ġie infurmat li wara li kien hemm qbil dwar il-post għandha ssir laqgħa mas-sotto kumitat dwar dan. *Tony Nichol - Monument*

5.13 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal 'no parking stickers' li qiegħed joħroġ il-Kunsill minħabba l-fatt li dawn m'għandhomx saħħa *No parking stickers*

bizzejjed għaliex jekk xi ħadd jipparkja ma jista jsir xejn u l-individwu ma jkunx jista jaħdem. Kien hemm qbil li l-Kunsill isaqsi l-avukat tiegħu jekk tistax issir tip ta' *bye law.*

5.14 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera dwar il-problema tal-ħamiem u propona li l-Kunsill iħeġġeg lir-residenti jagħmlu l-ventilaturi min-naħa ta' barra. *Ventilaturi minn barra*

## 6. AGGORNAMENT

6.1 Is-Seduta spiċċat fl-21.52pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar 2015 fis-6pm

Minuti approvati llum 20/01/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**